**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 205/2016 NL**

**THOMAS DJAFONI, JORGE ALVAREZ, U L-AVUKAT DR MALCOLM MIFSUD A NOM U IN RAPPREZENTANZA TA' L-ASSENTI THOMAS GLASS U JASMIN BONSHOR**

**vs**

**TRC FAMILY ENTERTAINMENT LIMITED (C533076)**

Illum l-4 ta' Mejju 2021

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tar-rikorrenti ppresentat nhar It-18 ta' Awissu 2016 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimati s-segwenti:

*… li thallas is-somma ta' €13,785.51, **rapprezentanti paga u beneficcji li s-socjeta' konvenuta naqqset milli thallas**[1], oltre l-imghax legali bl-ispejjez kontra tieghek minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il- *Power of Attorney* ta' Brian Thomas Glass, data 11 ta' Mejju 2016 li biha tawtorizza lil Dr. Malcolm Mifsud, Dr. Cedric Mifsud ta' Mifsud & Mifsud Advocates, 123, Melita Street, Valletta sabiex jirrapprezentawh f'kull azzjoni legali.[2]

Rat il- *Power of Attorney* ta' Jasmine Bonshor, data 11 ta' Mejju 2016 li biha tawtorizza lil Dr. Malcolm Mifsud, Dr. Cedric Mifsud ta' Mifsud & Mifsud Advocates, 123, Melita Street, Valletta sabiex jirrapprezentawha f'kull azzjoni legali.[3]

Rat ir-risposta ta' TRC Family Entertainment Limited (C533076) fejn eccepiet is-segwenti eccezzjonijiet[4]:

1. *Preliminarjament, it-talba ta' l-atturi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.*
2. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-atturi ghandhom tal-inqas jispjegaw il-pretenzjoni ta' kull wiehed mir-rikorrenti u l-ammont li kull individwu qieghed jippretendi mis-socjeta' intimate. Addizzjonalment, l-atturi ghandhom kollha kemm huma, igibu prova tat-talbiet taghhom.*

*Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

---

[1] Enfasi ta' din il-Qorti
[2] Folio 2 ta' l-atti processwali
[3] Folio 3 ta' l-atti processwali
[4] Folio 8 ta' l-atti processwali

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif diversament presjeduta moghtija nhar is-6 ta' Novembru 2018 li permezz taghha laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta, dan pero' ddikjarat li din l-azzjoni hija preskritta skond l-artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta[5] u mhux skond l-artikolu 2147 (c).

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Thomas Djafari, Jorge Alvarez u l-Avukat Dr. Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Thomas Glass u Jasmin Bonshor.[6]

Rat ir-risposta ta' l-Appell tas-socjeta' TRC Family Entertainment Limited (C53076).[7]

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), moghtija nhar il-25 ta' Frar 2019 li permezz taghha laqghet l-appell tas-socjeta' konvenut hassret is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru 2018 u ordnat li jintbaghtu l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex terga' tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont kif inghatat mis-socjeta konvenuta.[8]

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta attrici TRC Family Entertainment Ltd data nhar il-24 ta' Ottubru 2019 li biha eccepiet is-segwenti[9]:

1. *T-talba ta' l-atturi hija prekritta ai termini tal-artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

[5] Folio 79-83 ta' l-atti processwali
[6] Folio 85-86 ta' l-atti processwali
[7] Folio 88-91 ta' l-atti processwali
[8] Folio 111-113 ta' l-atti processwali
[9] Folio 117 ta' l-atti processwali

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi waqt l-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2019, il-Qorti kif kienet diversament preseduta[10] laqghat it-talba tas-socjeta' intimata biex teccepixxi l-eccezzjoni tal-prekrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tat terminu perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex tigi pprezentata nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fir-rigward ta' din l-eccezzjoni.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[11]

Rat illi waqt udjenza tal-14 ta' Novembru 2019, is-socjeta' intimata iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u rrimettiet ruhha ghall-provi in atti.[12]

Rat illi waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021 ir-rikorrenti ressaq l-ahhar affidavits u rat illi fl-istess udjenza l-partijiet qablu li ssir trattazzjoni rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

---

[10] Magistrat Dr. Simone Grech
[11] Folio 102 ta' l-atti processwali
[12] Folio 101 ta' l-atti processwali

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Mill-provi mressqa mill-atturi, jirrizulta li ghall-habta ta' Settembru 2014, l-impjiegi tal-atturi gew terminati u ghalkemm thallsu tax-xhur kollha l-ohra li kienu ghadhom pendenti, jidher li ma thallsux il-paga ghax-xahar ta' Settembru 2014 (jew ta' parti minnu)[13]. L-atturi Jorge Alvarez, Thomas Djafari, Brian Glass u Jasmine Bonshor kollha jghidu li l-impjieg taghhom gie terminat f'Settembru 2014, izda kien biss xhur wara li rcevew *parti* mis-salarji dovuti lilhom, u f'Settembru 2015, ir-rikorrenti rcevew ammont li, skond il-kalkoli taghhom, kien ihalli bilanc dovut f'paga ghax-xahar ta' Settembru 2014.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenuti ma ressqu ebda provi, izda ghamlu l-kontroezamijiet li deherilhom mehtiega f'din il-kawza. Fil-fatt, fir-rigward tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2147(c), is-socjeta' konvenuta, fil-verbal tal-21 ta' Frar 2017, iddikjarat li m'ghandhiex provi dwar l-ewwel eccezzjoni. Dwar l-eccezzjoni a tenur tal-artikolu 2148(d), fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2019, is-socjeta' konvenuta wkoll iddikjarat li hija ma ghandhiex provi xi tressaq dwar din l-eccezzjoni ulterjuri mressqa minnha b'risposta ulterjuri fl-24 ta' Ottubru 2019.

**Ikkunsidrat**

[13] Ara l-prospett tat-talbiet attrici a fol. 12 tal-process

Issa f'dan il-kaz din il-Qorti diversament presjeduta iddecidiet li l-azzjoni attrici kienet preskritta taht l-artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili, izda din is-sentenza giet imhassra mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) u baghtet l-atti lura quddiem din il-Qorti "*sabiex terga' tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont kif inghatat mis-socjeta' konvenuta*".

Fl-intervall, is-socjeta' konvenuta eccepiet ukoll (b'zieda ma' dak li jiddisponi l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili), l-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16.

Ghalhekk, illum, is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li l-azzjoni attrici hija preskritta, kemm bl-gheluq ta' sena (2147[c]) kemm bl-gheluq ta' tmintax-il xahar (2148[d]).

Issa f'dan il-kaz ma giex kontradett li r-rikorrenti <u>kollha</u> thallsu xi ammonti f'Settembru 2015. Lanqas ma gie kontradett li l-atturi kienu kollha impjegati mas-socjeta' konvenuta. Li ma jidhirx li gie provat f'din il-kawza huwa proprju jekk is-salarju tal-atturi kienx stabbilit bhala salarju annwali, mensili, jew gornaljier.

Iz-zewg artikoli tal-ligi relevanti huma s-sgewenti:

> *2147. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena...*
> *(ċ) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin <u>bix-xahar</u>, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema <u>bil-ġurnata</u>, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu.*

> *2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar...*

*(d) l-azzjonijiet ta' persuni, għall-ħlas tas-salarju tagħhom.*

Id-distinzjoni principali bejn dawn iz-zewg disposizzjonijiet hija proprju jekk il-haddiem huwiex wiehed li jahdem bil-gurnata, bix-xahar jew bis-sena.

Fis-sentenza **Josephine Vella et vs Korporazzjoni Enemalta** (moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fil-11 ta' Lulju 2008) dik il-Qorti, fir-rigward tal-artikolu 2147(c) tghallem hekk:

*Dan il-provvediment mhu xejn ghajr traduzzjoni mit-test originali bit-Taljan tal-Artikolu 1911 tal-Ordinanza numru VII tal-18681 li kien jaqra hekk:*

*"Le azioni dei domestici od altre persone stipendiate a mese, degli operaj e dei giornalieri, pel pagamento delle loro giornate, dei loro salarj, o delle somministrazioni loro dovute.".*

*Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-*

*(a) Hemm distinzjoni apparenti bejn it-test Malti u dak Ingliz in kwantu fit-test Malti jinghad* ***"ghall-hlas tal-granet tal-pagi"*** *filwaqt li fit-test Ingliz jinghad "for the payment of their wages";*

*(b) Jidher li hemm lacuna in kwantu dan il-provvediment ma japplikax ghal dawk il-persuni li ghandhom is-salarji pagabbli mhux kull xahar. Dan ifisser li ghal dawn il-persuni japplika perjodu ta' preskrizzjoni itwal. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hekk. Fil-kawza fl-ismijiet* ***Paul Degiorgio vs Vincent Muscat*** *deciza fit-8 ta' April 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili3, l-attur kien jahdem bhala chef u kien jithallas kull gimgha. L-attur harrek lill-principal tieghu ghall-hlas ta' salarju. Il-Qorti kkonkludiet: "Infatti l-*

*artikolu 2147(c) fuq imsemmi* ***<u>jitkellem dwar persuni mhallsin bix-xahar, jew persuni ingaggati bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi</u>****. Fil-kaz in ezami izda jirrizulta li l-attur kien ingaggat u jithallas bil-gimgha u mhux bix-xahar u lanqas bil-gurnata.*

*Ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli ghal kaz in ezami.".*

*(c) Certament li wasal iz-zmien li dawn il-provvedimenti, li dahlu fis-sehh permezz tal-Ordinanza numru VII tal- 1868, jigu riveduti u fejn hemm bzonn emendati sabiex jirriflettu z-zminijiet li qeghdin nghixu fihom. Il-Qorti mhi tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hemm distinzjoni bejn dawk imhallsin bix-xahar u haddiema ohra imhallsin iktar spiss.*

*(d) Il-fatt li fl-Artikolu 2147(c) tintuza l-kelma paga u wkoll salarju, hemm distinzjoni fis-sinifikat taghhom minkejja li fil-hajja ta' kuljum dawn iz-zewg termini jintuzaw b'mod li huma kunsidrati li ghandhom l-istess sinifikat. Il-Qorti taqbel li l-kelma "tal-granet tal-pagi" (fit-test Taljan "pel pagamento delle loro giornate") qeghda tirreferi ghal dawk il-haddiema li jahdmu bil-gurnata. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Alex Caruana vs Joseph Vassallo*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978. M'hemmx dubju li l-atturi ma jikkwalifikawx bhala haddiema li jahdmu bil-gurnata…*

*(e) Fl-att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) l-Artikolu 2 jipprovdi li:*

*"Paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minħabba kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni."*

*"Jidher li din il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn salarju u paga.*

*Il-Qorti għamlet riferenza għal xi ġurisprudenza sabiex tistabbilixxi liema ħlasijiet jikkwalifikaw bħala salarju. Fost is-sentenzi ċitati kien hemm* ***Paul Aquilina vs Victor Satariano noe****, li kienet deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ġunju 1994 –*

*"fejn ġie spjegat li ħlas għal leave ma jaqax taħt il-kategorija ta' salarju (għalkemm is-sentenza kienet b'riferenza għall-Artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili) in kwantu l-Qorti kkonkludiet li m'hemmx ekwivalenza bejn salarju u d-dritt għal-leave.*

*Il-Qorti esprimiet ruħha hekk –*

*Il-Qorti hi wkoll tal-fehma li ż-żminijiet inbidlu fis-sens li meta dan il-provvediment oriġinarjament daħal fis-seħħ il-benefiċċji li jingħataw illum il-ġurnata lill-impjegati ma kinux jeżistu. Ma jagħmilx sens li ħlasijiet oħra li jiffurmaw parti mill-pakkett tas-salarju tal-impjegat ikun japplika għalihom peirjodu ta' preskrizzjoni ħafna iktar twil.*

*U kompliet –*

*"Tibqa' l-kwistjoni jekk l-atturi humiex imħallsin bix-xahar.*
*Il-fehma tagħha kienet illi –*

*Il-kelma 'xahar' għandha tfisser xahar skont il-kalendarju Gregorjan. B'analoġija tista' ssir referenza għall-Artikolu 103 tal-Kap. 12 li jipprovdi:- Fl-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħadd ta' erbgħa u għoxrin siegħa, ix-xahar u s-sena skont il-kalendarju.*

*"Jekk wieħed kellu japplika dan it-terminu ta' preskrizzjoni jkun ifisser li ma japplikax minn meta l-atturi bdew jitħallsu s-salarju kull erbgħa (4) ġimgħat, għaliex dan ma jikkwalifikax bħala xahar. Irid jingħad li l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv, tali dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni.*

*F'dak il-każ, l-atturi kienu jokkupaw il-kariga ta' assistant manager u professional executive mal-Korporazzjoni Enemalta.*

*Il-Qorti kompliet hekk-*

> *"Madankollu l-Qorti tistqarr li kellha dubji serji, meħud in konsiderazzjoni l-grad li għandhom, kemm l-atturi jaqgħu taħt dan il-provvediment.*

*Il-**punt kruċjali** tas-sentenza kien dan li ġej:-*

***"Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti li s-salarju mhuwiex pattwit kull erbgħa (4) ġimgħat imma tant fis-sena. Il-fatt li imbagħad il-modalità tal-ħlas hi kull erbgħa (4) ġimgħat ... hi kwistjoni oħra. Il-Qorti hi tal-fehma li mhuwiex importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat hu mqassam matul sena, ċioe l-frekwenza tal-ħlas. Interessanti kif fit-test oriġinali (Ordinanza numru VII tal-1868), il-kelma li intużat hi "stipendiati" (salaried bl-Ingliż). L-articolo 1912 (illum 2148) kien jaqra "Di coloro che fossero stipendiati ad anno pel pagamento del loro salario." Provvediment li sal-lum għadu ma ġiex emendat. Fil-fehma tal-Qorti hekk biss jistgħu jiġu interpretati l-provvedimenti rilevanti tal-preskrizzjoni qasira fir-rigward tas-salarju, sabiex jagħmlu sens. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-fehma li esprimiet il-Prim Awla tal-***

*Qorti Ċivili (GCD) fil-kawża Martin Abela vs Ramon Spiteri nomine deċiża fit-22 ta' Frar 2002 fis-sens li: "Kif juri s-seba' patt tal-ftehim, iżda, is-salarju tal-attur huwa stipulat b'tant fis-sena, mhux b'tant fix-xahar; il-preskrizzjoni taħt l-art. 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili għalhekk ma tgħoddx għall-każ tal-attur, u l-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda." Tant hu hekk li kwalsiasi kalkoli li jkun hemm bżonn li jsiru, isiru fuq sena salarju.*

Dan l-insenjament jinsab kondiviz ukoll f'numru ta' sentenzi ohra, inkluz fost ohrajn **Rueben Scicluna et vs Maltapost plc et** (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Settembru 2012) u **Reseource Support and Services Ltd vs Lawrence Attard Bezzina** (Qorti ta' l-Appell, deciza fis-17 ta' Frar 2021).

Issa f'dan il-kaz, la darba kienet is-socjeta' konvenuta li eccepiet iz-zewg preskrizzjonijiet, kien jispetta lilha li ggib il-prova sufficjenti dwar tali eccezzjonijiet, u liema wahda tapplika, u dan a bazi tal-principju ta' **min jallega jrid jipprova** jew **– 'Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'** kif jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura u kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**"Dr H. Lenicker vs J. Camilleri"** deċiża mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju 1972, u **"Peter Paul Aquilina vs Paul Vella" –** Appell Inferjuri deċiż fit-2 ta'Mejju 1995.

Di piu', ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta ottemperat ruhha ma' dak li jiddisponi l-artikolu 2160 (1) tal-Kodici Civili.

Din id-disposizzjoni, bl-Att I tal-2017[14] giet emendata biex taqra hekk:

---

[14] Li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017

*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

Qabel dakinhar, din id-disposizzjoni kienet taqra hekk:

*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

Fl-Att I tal-2017, ma kien hemm ebda disposizzjoni tranzitorja. Dwar dan, fis-sentenza **C&F Building Contractors Limited vs Kunsill Lokali Hamrun** (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Mejju 2019) jinghad hekk:

*Illi l-attriċi, fl-istess nota ta' sottomissjonijiet, tilqa' wkoll għal din il-preskrizzjoni billi ssostni li l-konvenut ma ħax il-ġurament min jeddu li mhux debitur, kif jagħmar li jsir l-Art. 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dik id-disposizzjoni ġiet introdotta bl-Att I tas-sena 2017 u emendata bl-Att VIII tal-2017. Ir-risposta ġuramentata, li tinkludi din l-eċċezzjoni, ġiet ippreżentata fid-29 ta' Lulju 2015. Fl-emendi ma kien hemm l-ebda disposizzjoni tranżitorja. A propożitu ta' din l-emenda ntqal hekk minn din il-Qorti diversament ippreseduta:*

*"Illi jiġi rilevat li l-liġi dwar il-Kumpaniji hija, ovvjament, liġi sostantiva u mhux waħda proċedurali. Dan qed jingħad fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet l- Onorabbli Qorti tal-Appell li applikat l-emendi ntrodotti għal-liġi*

*tal-Proċedura bl-Att XXIV tal-1995, liema emendi ġew applikati għall-każijiet pendenti u anke għar-rikorsi li kienu ġew introdotti qabel ma daħlu fis-seħħ il-liġijiet il- ġodda ta' proċedura (ara, per eżempju, id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 1995, fil-kawża* ***Razzewi vs Mifsud Bonnici****). Din il-posizzjoni ittieħdet fid-dawl tal-principji li regoli ta' proċedura huma invarjabilment regoli ta' ordni pubbliku li għandhom ikollhom effett u applikazzjoni immedjata u dan sakemm ma jkunx ġie stabbilit b'mod ieħor fl-istess liġi.*

*"Il-prinċipju li jirregola liġi sostantiva għandu, min-naħa l-oħra, jkun oppost. Peress li tali liġi jkollha l-iskop li tirregola l-aġir tac-ċittadini fil-konfront ta' xulxin jew fil-konfront ta' Awtorita' governattiva, din m'għandhiex ikollha effett retroattiv, fis-sens li ma tistax tikkontrolla aġir li jkun gia seħħ meta saret il-liġi! Kull ċittadin għandu dritt jirregola l-aġir u l-kuntratti tiegħu a bazi tal- liġijiet viġenti u fis-seħħ metta seħħ dak l-aġir u mhux preżunt li l-Legislatur sejjer, bil- liġi li saret illum, jirregola dak li seħħ 'l bierah.*

*"Ovvjament, il-Legislatur jista' fil-limiti tal-poteri tiegħu, jittanta li jilleġisla anke għal dak li seħħ fil-passat, pero`, biex jagħmel dan, irid jagħmlu espressament, għax bħala regola u in principju, ir-regoli ta' natura sostantiva huma meqjusa li l-effett tagħhom ikun biss proattiv; dan in omaġġ għall- prinċipju Ruman li lex non habet oculos retro" (****Joseph Said vs Alfred Grima****, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (TM) fit-12 ta' Dicembru 2002);*

*Illi pero`, kif iwissi l-famuż **Gabba**, hemm każijiet fejn id-distinzjoni bejn liġi proċedurali u liġi sostantiva hija waħda neboluża:*

*"Vero e proprio contenuto delle leggi di procedura e` il dar norma agli atti procedurali, cioe` appropriare questi atti ai vari scopi giuridici cui debbono servire, tracciarne la connessione, i requisiti, il contenuri, gli effetti. Acade pero` sovente che sia dubio il vero e proprio carattere di una legge, se procedurali o no, oppure si discuta intorno all'indole dell'efffetto di una legge di procedura, se sia un effeto procedurali, ovvero u diritto quesito materiale. Vi hanna infatti: I) leggi e diritti d'indole privata materiale, che a) hanno per oggetto ati procedurali; oppure b) suppongono certi atti procedurali per produrre certi loro effetti; II) leggli procedurali, che da atti procedurali fanno nascere veri diritti privati materiali; III) finalmente leggi d'indole privata materiale, che di mero fatto, e casualmente, si trovano frammiste alle vere e proprie leggi di procedura. Egli e' chiaro che tutti questi casi devono essere studosamente ed esattamente distinti, e che si devono tutti regolare con pricipii transitori affatto differenti da quelli che valgono per le vere e proprie quistioni transitorie procedurali"[15];*

*Illi l-Artiklu 2160 huwa disposizzjoni ta' din ix-xorta msemmija mill-Gabba: proċedura li minnha jiddependi l-iskattar tad-dritt tal-preskrizzjoni. Id-dritt ta' preskrizzjoni qasira mhux biss jinħtieġ il-mogħdija taż-żmien imma wkoll il- ġurament tad-debitur. Huwa permezz tal-ġurament li jiġi fis-seħħ. M'huwiex għalhekk disposizzjoni ta' sempliċi proċedura iżda huwa intimament marbut mad-dritt sostanzjali. Tant li jinsab fil-kodiċi ċivili, u mhux fil-kodiċi ritwali – għalkemm xejn ma*

[15] C.F. Gabba, Teoria della Retroattivita' delle Leggi, 1889, Vol. IV, Capitolo IV, pagna 409

*jimpedixxi lill-leġiżlatur li jdaħħal fil-kodiċi ċivili disposizzjoni purament proċedurali. It-tibdil kardinali li daħħlu ż-żewġ emendi hu li l-għoti tal-ġurament ma baqax isir mill-attur fid-diskrezzjoni tiegħu; iżda jsir – u tabilfors – mill-konvenut. Il-ġurament inbidel radikalment billi minn wieħed deċiżorju sar integrattiv tal-jedd sostantiv tal-preskrizzjonijiet estintivi qosra. Għaldaqstant l-Artiklu 2160 ma jistabbilixxix norma purament proċedurali;*

*Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti, iddeċidiet, għar-rigward tal- imsemmija żewġ emendi, li* ***ma japplikawx għal eċċezzjoni li ġiet ippreżentata fis-sena 2012, għad li l-kawża baqgħet għaddejja wara d-dħul taż-żewġ emendi****:*

*" Qabel ma tqis l-aggravju mressaq fir-rikors tal-appell il-qorti sejra tqis aggravju ġdid imressaq mill-attur waqt is-smigħ tal-appell, viz. illi meta ressaq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni l-konvenut ma tax il-ġurament li jrid l-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili.*

*"Dan l-aggravju huwa ħażin. Il-ħtieġa li min iressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jagħti wkoll il-ġurament li jrid l-art. 2160 iddaħħlet bis-saħħa ta' emendi magħmula bl-art. 4 tal-Att I tal-2017 u bl-art. 8 tal-Att VIII tal-2017. Meta l- konvenut ressaq l-eċċezzjoni fit-tweġiba tiegħu ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2012 din l-emenda ma kinitx fis-seħħ u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa tal- ġurament. Huwa minnu li l-kawża għadha ma nqatgħetx, u illi liġijiet proċedurali japplikaw minnufih, ukoll għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda għal-liġi proċedurali iżda jkunu għadhom pendenti, iżda dan ma jolqotx jeddijiet*

*sostantivi ġà miksuba, bħal ma hu l-ħelsien minn dejn li jkun ġà nkiseb meta l-liġi l-ġdida tidħol fis-seħħ. Fil-każ tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eċċezzjoni relativa, l-eċċezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara" (**Sergio Manche v Carmel sive Charles Grech,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2018).*

***Illi għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Art. 2160 kif inhuma llum ma japplikawx għall-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut f'din il-kawża".***

Ghaldaqstant, li kieku kien proprju l-artikolu 2147 (c) tal-Kodici Civili li japplika (liema eccezzjoni giet imressqa mis-socjeta' konvenuta fit-30 ta' Settembru 2016[16]) kien ikun jispetta lill-atturi li jtellghu lill-konvenuti jew rapprezentant tas-socjeta' sabiex jikkonferma bil-gurament dak li jitlob l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Madankollu, din il-Qorti, kif diga' inghad, ma tistax tghid li l-konvenuti rnexxilhom jipprovaw l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi.

L-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-eccezzjoni ulterjuri li giet imressqa b'risposta ulterjuri fl-24 ta' Ottubru 2019. Dakinhar, il-konvenuta kienet soggetta ghal-ligi kif kienet emendata wara Jannar 2017. Ghalhekk, kien jispetta *lilha stess* li tiehu l-gurament minn jeddha biex tipprova l-preskrizzjoni l-qasira tat-tmintax-il xahar taht l-artikolu 2148 (d) tal-Kodici Civili. Gjaldarba dan m'ghamlitux, fi kliem l-artikolu 2160 (1) stess, il-preskrizzjoni msemmija mill-konvenuta m'ghandhux ikollha effett.

[16] Fol. 8

Fl-ahhar nett, u ghall-finijiet ta' kompletezza, l-atturi jsemmu li f'kull kaz, is-socjeta' konvenuta gharfet il-jedd taghhom meta sewwa jekk b'komunikazzjoni, sewwa jekk bil-hlas innifsu, interrompiet il-preskrizzjoni f'Settembru 2015 jew anke fl-1 ta' Ottubru 2015.

L-**artikolu 2133** tal-Kap 16 jghid hekk:

> *Il-preskrizzjoni tinnkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.*

L-**artikolu 2134** imbaghad jghid li:

> *Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih.*

F'dan il-kaz, m'hemmx dubju li l-atturi kollha thallsu somma akkont tal-pretensjoni shiha taghhom. Dan il-hlas akkont sar f'Settembru 2015. L-attur Djafoni jghid ukoll (u fil-fatt jezebixxi korrispondenza f'dan ir-rigward) li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kkonfermalu li s-socjeta' qed taghmel minn kollox biex thallas is-salarji dovuti lill-impjegati taghha[17].

Il-Qorti tikkondividi l-insenjament hawn taht rapportat fis-sentenza **Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Canee nomine** (moghtija fit-30 ta' Mejju 1952 mill-Qorti ta' l-Appell) fejn inghad:

> *"moghti-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompjuta tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta' li jigi*

[17] Fol. 120

*rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b`fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar nomine et vs Sunny Muscat et** (deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2004) jinghad illi:

*"deciz-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-koezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita u (d) l-esternazzjoni tar-rikonnoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (**Kollez. Vol. XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744**; "**Victor Calleja noe v. Nazzareno Vassallo et noe**"assallo et no' Ottubru 1998).n*

Din il-Qorti tabbraccja dawn l-insenjamenti, u fid-dawl taghhom, tqis li s-socjeta' konvenuta, anke kieku ppruvat l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, certament li rrikonoxxiet id-dejn dovut minnha, kemm bid-dikjarazzjonijiet (mhux kontradetti) li jaghmlu l-atturi stess, kif ukoll bil-hlas akkont tad-debiti li saru fl-f'Settembru 2015. Dan ifisser li anke kieku stess il-preskrizzjoni applikabbli kienet dik taht l-artiklu 2147 (c) tal-Kodici Civili, u ma kinitx lehqet ghaddiet sena minn meta gie intavolat l-att promotur f'din il-kawza, li gie prezentat fit-18 ta' Awissu 2016.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għall-motivi kollha hawn fuq spjegati, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari taħt l-artikolu 2147 (c) tal-Kodiċi Ċivili u tiċħad ukoll l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri taħt l-artikolu 2148 (d) tal-Kodiċi Ċivili mressqa mis-soċjeta' konvenuta fir-risposta ulterjuri tagħha tal-24 ta' Ottubru 2019, bl-ispejjez kollha a karigu tas-soċjeta' konvenuta, għajr għal dawk l-ispejjez kif deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar 2019.

Konsegwentement, il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża.

**Mogħtija illum nhar il-4 ta' Mejju 2021 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Maġistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Reġistratur**